

PROCĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

IL-KUMMISSJONI

Deċiżjoni li ttejjdet mis-Serbja biex timplimenta b'mod unilaterali l-Ftehim Temporanju dwar il-kummerċ u kwistjonijiet relatati miegħu, bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja

(2009/C 83/11)

In-negozjanti fil-Komunità qed jiġu b'dan infurmati bis-sistema ta' kummerċ li tejjisti mar-Repubblika tas-Serbja.

Mit-30 ta' Jannar 2009 l-quddiem, l-awtoritajiet Serbi ddeċidew li jimplementaw b'mod unilaterali l-konċessjonijiet dwar il-kummerċ li jinsabu fil-Ftehim Temporanju dwar il-kummerċ u kwistjonijiet relatati miegħu bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja, li ġie ffirmat fid-29 ta' April 2008, iżda għalissa għadu ma ġie implimentat mill-Komunità Ewropea. Fil-każ ta' esportazzjoni lejn is-Serbja ta' prodotti li joriġinaw fil-Komunità, dawn jistgħu jibbenefikaw minn tariffi liberalizzati wara li jkunu ppreżentaw jew ċertifikat ta' moviment EUR 1 jew inkella dikjarazzjoni ta' fattura bħala evidenza tal-oriġini Komunitarja tal-prodotti kkonċernati. Il-kondizzjonijiet tal-implimentazzjoni unilaterali tal-Ftehim Temporanju fis-Serbja huma speċifikati fil-Liġi tal-21 ta' Jannar 2009 li temenda il-Liġi dwar it-Tariffi Doganali ⁽¹⁾.

L-esportaturi huma infurmati li, bis-saħħa tad-Digriet tal-5 ta' Frar 2009 li jemenda d-Digriet dwar it-trattament approvat mid-dwana ta' prodotti li jgħaddu mid-dwana, ir-rilaxx ta' prodotti li jgħaddu mid-dwana u l-ġbir ta' dejn doganali ⁽²⁾, dan it-trattament preferenzjali jingħata fuq il-bażi tar-regoli ta' oriġini identiċi ma' daww stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju ⁽³⁾. Madankollu l-esportaturi qed jingħataw il-parir li jikkonsultaw il-liġijiet doganali rilevanti tas-Serbja.

Fil-każ ta' importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti li joriġinaw fis-Serbja, dawn jibqgħu soġġetti għad-dispożizzjonijiet tas-sistema ta' kummerċ awtonoma tal-Komunità Ewropea kif stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2000 tat-18 ta' Settembru 2000 li jintroduċi ċerti miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2820/98, u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1763/1999 u (KE) Nru 6/2000 ⁽⁴⁾. Dan ir-Regolament qed jiġi implimentat fuq il-bażi tar-regoli ta' oriġini stabbiliti fit-Taqsima I, Titolu IV, Kapitolu 2, Sezzjoni 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, hawn fuq imsemmi, (b'mod speċifiku l-Artikoli 98 sa 123), li jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-ħruġ ta' provi ta' oriġini għall-prodotti tal-Komunità fejn dawn il-prodotti jiġu esportati lejn pajjiżi benefiċarji bħal mhuwa s-Serbja (Artikoli 110(5) u 116).

⁽¹⁾ Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tas-Serbja, Nru 5/09, 22.1.2009.

⁽²⁾ Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tas-Serbja, Nru 9/09, 6.2.2009

⁽³⁾ ĠU L 253, 11.10.1993, p.1

⁽⁴⁾ ĠU L 240, 23.9.2000, p. 1.